

# Il-Pittur Bormliż Gianni Vella

**Minn Fr Mark Cauchi OSA**

Il-Belt ta' Bormla dejjem xettlet l-aħjar nies f'kull qasam sa mill-eqdem taż-żminijiet. F'kull qasam, kemm fix-xjenzi, il-letteratura, il-liġi, u l-ħajja Ekkleżjastika insibu l-isem ta' Bormliżi kbar. Numru ta' Bormliżi ħaddnu Ordijiet religjużi diversi u oħrajn saru qassisin. Ma jonqosx il-qasam tal-edukazzjoni kif ukoll dak tal-arti: l-iskultura u pittura.

Fost dawn tal-aħħar, insibu lill-pittur Gianni Vella. Gianni Vella twiled fil-belt ta' Bormla nhar id-9 ta' Mejju 1885. Kien iben il-koppja Franġisk Vella u Marianna née Attard. Gianni tilef lil missieru meta kien għadu żgħir ħafna. Wara l-mewt ta' missieru, il-familja Vella nġabret ma' zijuh, Manwel. Dun Ġużepp, qassis ħabib tal-familja Vella, kien jammira ħafna liż-żagħżugħ Gianni għall-inklinazzjoni li kellu lejn l-arti. Għalhekk, kien irrakkomandah lill-pittur Taljan Attilio Palombi li f'dik il-ħabta kien qiegħed ipitter is-saqaf tal-knisja Kolleġġata ta' San Pawl Nawfragu, il-Belt Valletta. Meta l-pittur Palombi ra l-ħerqa u l-kapaċità taż-żagħżugħ Malti daħħlu miegħu fix-xogħol tas-saqaf tal-knisja ta' San Pawl.



Palombi introduċa lil Vella għat-teknika tal-affresk. Tul dan iż-żmien li Vella ħadem ma' Palombi, ħadem ukoll fuq xi affreski li kienu qed isiru f'xi knejjes f'Malta. Meta Attilio Palombi beda jmur lura minn għajneh qabbad lil Gianni Vella biex ikompli is-saqaf tal-knisja ta' San Pawl tal-Belt.

Kien ġara, bħalma ġara lill-pittur Hyzler meta dan kien qed ipitter il-pala tal-altar tal-Madonna tas-Sukkors f'Santu Wistin, il-Belt. Hyzler beda jirtgħod u kien qabbad lill-pittur Ġużeppi Calleja biex ikompli x-xogħol hu.

Fis-sena 1907, Gianni Vella mar Ruma biex jipperfezzjona ruħu fl-arti. Huwa daħal fl-*Accademia delle belle Arti*. Wara sar anki membru ta' din l-istess Accademia. Fost il-professuri, huwa kellu lil Mario Spinelli, lil S. Borgogelli u lil Bruschi. Dan tal-aħħar għandu żewġ kwadri laterali fil-kor ta' Santu Wistin, il-Belt.

Fis-sena 1912 reġa' lura lejn Malta fejn fetaħ *il-bottega* tiegħu fi Triq San Duminku, il-Belt. Fis-sena 1913, ingħaqad fiż-żwieġ ma' Marija Chretien. Ta' min ikun jaf li Marija Chretien kienet oriġinarjament il-mudella tiegħu.

Gianni Vella ma kienx biss pittur tajjeb, imma kien ipinġi karikaturi għall-ġurnal, *Il-Ħmara*. Fis-sena 1976 ġie mogħti l-medalja tad-deheb mill-*Malta Society of Arts, Manufacture and Commerce* **bħala għarfien tax-xogħol tiegħu.** Gianni Vella għalaq għajnejh għas-sbuħija li toffri din l-art biex jibda jgawdi s-sbuħija li ħejja l-Mulej għal dawk li jħobbuh nhar it-3 ta' Settembru 1977 f'Buġibba. Il-fdalijiet tiegħu ttieħdu fiċ-Ċimiterju ta' Santa Marija Addolorata.

Fil-mixja twila tiegħu ta' artista, Gianni Vella ħallielna ħafna xogħlijiet. Kif ġa għidna, Gianni Vella temm ix-xogħolijiet ta' Palombi għall-knisja ta' San Pawl, il-Belt. Hu għandu xogħlijiet fil-Gżira, għamel il-Koppla ta' San Franġisk, il-Belt, is-suffitt tal-Kattidral ta' Għawdex. Ħadem il-Qala u Ħal Tarxien fost l-oħrajn.

Fost dawn ix-xogħolijiet nieħu dak li jsejħu kapolavur tiegħu, fosthom is-saqaf tal-knisja ta'Santu Wistin, il-Belt. Il-Patrijiet tal-Monasteru ta' Santu Wistin tal-belt Valletta, miġburin f'Kapitlu Konventwali taw ix-xogħol biex issir il-pittura tas-saqaf tal-knisja tagħhom lil Vella.

Il-moħħ u l-ħsieb teologiku wara din il-pittura ta' Vella għal din il-knisja kien il-Baċċ. P. Tonin Tonna Barthet. Tonna Barthet ħaseb ukoll għad-dekorazzjoni kif ukoll għad-deheb użat li inġib minn Franza.

Il-Baċċillier Patri Tonin Tonna Barthet kien studjuż kbir ta' Santu Wistin.Tonna Barthet talab lil Vella jpitter l-apoteosi ta' Santu Wistin, Santu Wistin qed jagħti r-Regula lil diversi Ordnijiet Reliġjużi. Fil-ġnub tat-twieqi jinsabu qaddisin tal-Ordni Agostinjan. Fuq it-twieqi hemm il-ħajja ta' Kristu *monocrome*. Tnejn mill-pinnacchi tal-koppla li juru Sant'Ambroġ u San Tumas ta' Villanova. Tal-ewwel, jiġifieri San Ambroġ huwa immudellat fuq Patri Tonna li kien membru tal-Komunità tal-Belt. L-ieħor huwa il-Baċċ. P. Tonin Tonna Barthet, bħala rikordju talli ħa ħsieb jagħmel din il-pittura tas-saqaf tal-knisja.

Il-pittura tal-koppla ta' Santu Wistin tal-Belt ma saritx flimkien mas-saqaf, imma wara. Meta l-Komunità ġiet biex tagħmel il-pittura tal-koppla, ippreżentaw ruħhom tlett artisti. L-ewwel wieħed kien it-taljan Monti. Dan ġa kellu fama kbira u għandu ħafna xogħlijiet f'Malta. It-tieni wieħed kien il-pittur Żebbuġi, Lazzru Pisani, li kien għamel id-dekorazzjoni tas-saqaf fis-sena 1925 u pitter ukoll il-pala tal-altar taċ-Ċintura ta' Santu Wistin, il-Belt.

It-tielet wieħed kien il-Bormliż Gianni Vella. Il-Komunità ma qagħdetx tqis l-offerta vantaġġjuża, imma riedet u xtaqet li s-saqaf tal-koppla b'kollox ikun ta' pittur wieħed. Għalhekk, iddeċidew u qabbdu lil Gianni Vella biex jagħmel il-pittura tal-koppla huwa wkoll kif hekk sar. Gianni Vella kien talab għax xogħol tal-koppla 250 Sterlina.

Meta l-knisja ta' Santu Wistin tal-Belt intlaqtet fit-Tieni Gwerra Dinjija, nhar Sibt il-Għid ta' 1942, eżattament fl-4 ta' April, biċċa mill-pittura tas-saqaf inqerdet. Wara t-Tieni Gwerra Dinjija saru t-tiswijiet meħtieġa u tqabbad Gianni Vella biex jerġa' jagħmel il-pittura nieqsa.

Ir-restawr sar taħt it-tmexxija tal-perit Edgar Grech li kien rifed il-koppla u Ġużeppi Sammut minn Birkirkara li mexxa l-istess bini.